MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Numru. 672/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**

**vs**

**Omissis**
**Paul Caruana**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Omissis u Paul Caruana ta’ 43 sena, bin Angelo u Mary nee’ Galea, imwieled iz-Zejtun nhar l-24 ta’ Ottubru, 1960 u resienti 508, Busietta Gardens, Fort Road, Madliena u detentur tal-karta tal-identita’ numru 753360(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fit-23 ta’ Gunju 2003 matul il-gurnata minn gewwa l-fond bin-numru 3, fi Pjazza Sant Anna, Sliema kkommettew serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi l-valur ta’

Lm1000 u dan ghad-dannu ta’ Theresa Ellul Sullivan u/jew terzi liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

Fl-istess data, hin ,lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-valur ta’ elf lira Maltin liema oggetti gew mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkun indahlu biex ibeighuhom jew imexxuhom.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tiskorri l-Lm500 u dan sar ghad-dannu ta’ Theresa Ellul Sullivan u/jew terzi persuni.

Fl-ahhar nett akkuzati talli fl-istess data, matul il-gurnata, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jisirqu jew jaghmlu hsara kontra l-Ligi ikkommettew serq ta diversi oggetti liema oggetti jiswew aktar minn Lm1,000 u dan ghad-dannu ta’ Theresa Ellul Sullivan u/jew terzi izda dan biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghlu, bl-awtorita’ taghhom infushom, billi fixklu lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu jew b’ xi mod iehor kontra l-Ligi indahlu fi hwejjeg haddiehor u dan ai termini tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ahhar nett nakkuza lil Paul Caruana wahdu talli huwa jinsab recidiv b’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mhassra.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 17 ta’ Frar 2005 (esebita a fol. 154 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

<u>FIL-KONFRONT TA’ OMISSIS</u>

(a) fl-artikoli 261(b) (c) (e), 263, 267, 269, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;

(b) fl-artikoli 334, 325, 85, 533 tal-Kodici Kriminali ;

<u>FIL-KONFRONT TA’ PAUL CARUANA</u>

(a) fl-artikoli 261(b) (c) (e), 263, 267, 269, 278, 279 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 334, 325, 85, 533 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali ;

Semghat il-provi ;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Ottubru, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghat-tieni(2) akkuza li inghata bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghat-tieni(2) akkuza li inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta u l-fatt li l-parte civile rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l- Artikolu tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-25 ta' Jannar 2005 issib lill-imputat Paul Caruana hati tal-akkuzi kollha kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghall-ewwel(1) akkuza li nghatat bhala alternattiva ghat-tieni(2) akkuza u ghalhekk huwa qed jigi liberat mill-ewwel(1) akkuza u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------